# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRMINALI

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

ILLUM 26 ta' Awwissu 2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**
**(Spettur Dorianne Tabone)**

**vs.**

**Maira Michel Tinoco Alzate**

G.K. 5505/2022

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata **Maira Michel Tinoco Alzate** ta' 26 sena, imwielda Chinchina Col fil-Kolumbja nhar is-16 ta' Ġunju 1996, bint John Alexander u Diana Lorena Alzate, residenti 59, Islets, Flat no 6, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar u detentrici tal-passaport Kolumbjan bin-numru AU179523 **akkuzata talli:**

F’dawn il-gżejjer, fil-25 t’Awwissu, 2022 u fil-gimgħat u xhur ta’ qabel, b’diversi atti magħmulin minnha ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda;

1. Żammet jew eżercitat jew kellha sehem m’oħrajn fl-eżercizzju ta’ burdell jew ta’ dar, ħanut jew lokal ieħor jew ta’ xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew magħduda bħala li huma ffrekwentati għal skop ta’ prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali ;
   Art 8 (1) ta’ Kap 63 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi kellha ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat u ħalliet jew ippermettiet li dak il-ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament jew xi parti tagħhom jiġu wżati bħala post ta’ laqgħa għal skop ta’ prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali;
   Art 9 ta’ Kap 63 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-fedina penali Dok KB 1, kopja tal-passaport Dok KB 2, current incident report Dok KB 4 u stqarrija Dok KB 5 u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputata tammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u semghetha tikkonferma l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata ghar-reati addebitati lilha u semghet ukoll lid-difiza u lill-prosekuzzjoni li ssugerew lill-Qorti li piena idoneja fic-cirkostanzi tkun dik ta’ sentenza ta’ prigunerija fil-konfront tal-imputata t-terminu ta’ liema jkun sospiz.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u dawn ghalhekk gew sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputata, l-ammissjoni bikrija taghha, l-fedina penali tal-imputata u c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni dak issuggerit mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza fir-rigward tal-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata.

***DECIDE***

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 8(1) u 9 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputata **Maira Michel Tinoco Alzate** hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' erba (4) snin. Inoltre ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes elevati minghand il-hatja ossia s-somma ta' €2494.19c esebiti bhala Dok KB 6.

Il-Qorti spjegat lill-imputata **Maira Michel Tinoco Alzate** fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien erba' snin millum.

___________________

**Dr. Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

___________________

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**